# L-ATTAKK TAL-MORI FL-1429

## *Avveniment imfakkar f'pitturi fil-knejjes parrokkjali ta' San Ġorġ f'Malta u Għawdex*

*minn Joseph F. Grima B.A.(Hons), M.A, Dip.Educ.(Admin & Mangt.)*

Fil-gżejjer Maltin hawn żewġ parroċċi biss iddedikati lil Martri San Ġorġ, fir-Rabat t'Għawdex u f'Ħal Qormi f'Malta. F'dawn iż-żewġ knejjes parrokkjali, hemm pitturi li jfakkru l-inżul tal-Mori f'Malta fl-1429 meta pajjiżna jingħad li salva bl-interċessjoni ta'San Pawl, Sant'Agatha u San Ġorġ. Tajjeb għalhekk li jingħata tagħrif storiku dwar din il-ġrajja li nebħet dawn iż-żewġ opri artistiċi.

### L-EPISODJU TA' MONROY

Fl-1429, Malta kienet tagħmel parti mill-Imperu Aragoniż fil-Mediterran. F'din is-sena, pajjiżna kien għadu ma ġiex f'tiegħu mit-taqlib li ġabet magħha r-rewwixta tal-Maltin kontra s-sid fewdali tagħhom, Don Gonsalvo Monroy fl-1426-7. Sabiex jirbħu lura l-libertà tagħhom, il-Maltin kienu aċċettaw li jħallsu lura lil Monroy is-somma ta' 30,000 fjorin li dan kien ħallas lir-Re Alfonsu V ta' Aragona biex akkwista d-drittijiet fewdatarji fuq il-gżejjer Maltin. Monroy miet nhar l-10 ta' April, 1429 u, fuq is-sodda tal-mewt, ħafer is-somma ta' 10,000 fjorin li, sa dik id-data, kien għad baqgħalu jdaħħal. Iżda jidher li l-isforz ta' missierijietna biex iħallsu d-dejn kien hekk kbir li l-gżejjer Maltin ftaqru u kellhom bżonn żmien ta' kalma u paċi biex jirkupraw.

### AMBIZZJONIJIET ARAGONIŻI

Alfonso V kien laħaq Re ta' Aragona fl-1416



*Il-pittura ta' G.B. Conti fil-kappellun tal-erwieħ fil- Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex.*

u baqa'jsaltan sa mewtu, li ġrat fl-1458. Dan is-sultan qatta' ħafna minn ħajtu barra mill-artijiet Spanjoli tiegħu riżultat tal-politika espansjonista tiegħu rigward l-Italja, l-Afrika u l-Lvant qarib. Sfortunatament, ir-riżorsi ta' Aragona ma setgħux ilaħħqu ma l-ambizzjonijiet tas-sultan u għalhekk iċ-ċentru ta' l-Imperu Aragoniż iċċaqlaq lejn Sqallija u Napli. B'mod jew ieħor, l-ispejjes tal-gwerrer kellhom jitħallsu u kien għalhekk li s-sultan Alfonsu rahan il-gżejjer Maltin lil Monroy f'Jannar tal-1421.

Iżda l-ambizzjonijiet ta' Alfonso lil Malta ma esponithiex biss lill-kredituri tal-kuruna Aragoniża iżda wkoll lill-qawwa tal-Hafsidi Misilmin fit-Tunisija. Il-politika ta' Alfonso ipprovokat attakki fuq Malta li ma kinitx difiża kif suppost. Il-**Castello a Mare** (il-Forti Sant'Anġlu fil-Port il-Kbir) kellu gwarnaġġjon ta' suldati barranin iżda d-difiża ta' Għawdex, l-Imdina u x-xtut kellhom jipprovduha mis-sierijietna. Fil-fatt, il-Mori ta' Tuneż kienu diġa' niżlu Malta fl-1423 meta jingħad li ħatfu wkoll lill-Isqof ta' Malta. L-Aragoniżi rritaljaw b'attakk fuq Kerkena fl-1424 iżda l-Hafsidi assaltaw Sqallija. F'Settembru tal-1429 reġgħu attakkaw Malta, din id-darba b'qawwa kbira.

## L-ASSEDJU TA' L-IMDINA

M'hemm ebda dubju li l-attakk tal-1429 sar tabilħaqq u tassew kien ħafna akbar minn sempliċi nżul. Hemm diversi dokumenti tas-seklu 15 li jirreferu għalih u jsemmih ukoll il-kronista Għarbi El-Zarkasi (jew Zerkechi).

Flotta u eżerċtu kbir ħabtu għall-gżejjer Maltin fil-25 ta' Settembru, 1429. Id-dettajli ta' l-attakk iridu jinġabru minn sorsi differenti li mhux dejjem jaqblu bejniethom. Jingħad li n-numru tax-xwieni kien bejn 40 u 70 għalkemm donnu kulħadd jaċċetta li l-armata misilma kienet ta' 18,000 ruħ. Ma jidhirx li fadal dubju dwar id-data preċiża li niddeduċuha minn kitba ta' ċertu Isidoro, negozjant li miet fl-1463. Għalkemm Gian-Francesco Abela (fis-seklu 17) u Ġan Anton Vassallo (fis-seklu 19) kitbu li l-attakk sar fl-1427 u fl-1427-8 rispettivament, Isidoro qal li l-invażjoni tal-Mori seħħet nhar il-Ħadd, 25 ta' Settembru. Din id-data hekk preċiża setgħet ħabtet biss fl-1418, fl-1429 jew l-1435. Ta' l-ewwel u ta' l-aħħar mhumiex possibbli minħabba evidenza storika. Barra minn hekk, El Zarkasi jgħid li l-attakk Mislem seħħ fis-sena 832 tal-Kalendarju Mislem. Din is-sena tikkorespondi mal-perijodu 11 ta' Ottubru 1428 sad-29 ta' Settembru, 1429. B'hekk, din l-informazzjoni twassal għall-konklużjoni li l-attakk sar fl-1429.

Suppost li kellhom jintbagħtu r-rinforzi lejn Malta minn Sqallija iżda mhux magħruf waslux jew le qabel l-attakk. Il-Mori ħarbtu 'l Malta, qabel ma assedjaw l-Imdina, u qabdu ħafna lsiera u annimali. Hawnhekk ukoll, il-figuri jerġgħu ma jaqblux u n-numri ta' lsiera Nsara jvarjaw minn 3,500 sa 4,500 ruħ. Tajjeb li wieħed iżid li anke t-telf ta' 3,000 ruħ kien diżastru għax il-popolazzjoni probabbilment ma kenitx aktar minn 10,000 ruħ.

Il-kmandant tal-Mori, Qaid Ridavan, imbagħad assedja l-Imdina li kienet mistennija ċċedi mingħajr ħafna taħbit. Iżda wara tlitt ijiem, il-Mori rtiraw b'kull ma kellhom f'idejhom mingħajr ma rebħu l-belt. Mhux magħruf għaliex irtiraw u El-Zarkasi sempliċement jgħid li l-Mori telqu meta kienu għoddhom ħadu l-belt.

## INTERĊESSJONI DIVINA

Il-folklor lokali u l-fidi reliġjuża tal-Maltin tassew ġew arrikkiti b'dan l-episodju. Jingħad li l-Misilmin riedu juru lill-Insara assedjati li riedu jirbħulhom bil-għlied u mhux billi joqtluhom bil-ġuħ. Għalhekk bagħtu l-ħobż lill-belt assedjata. Iżda l-Maltin bagħtu lura l-ħobż u magħhom ammont simili ta' ġbejniet biex juru lill-għadu li huma kienu ppreparati tajjeb u ma kinux neqsin mill-provizzjonijiet.

Spjegazzjoni popolari u tradizzjonali għall-irtirata tal-Mori hi li l-Maltin salvathom l-interċessjoni Divina. Jingħad li San Pawl, Sant'Agatha u San Ġorġ dehru fuq is-swar u għenu lid-difensuri nsara tant li l-għadu qatagħha li jirtira. S'issa qatt ma nstabet ebda prova dokumentata ta' din it-tradizzjoni,iżda nistgħu nżidu li, anqas minn 150 sena wara, meta l-Viżitatur Apostoliku Mons Pietru Dusina kien qed iżur il-Katidral ta' l-Imdina fl-1574, qalulu li nhar il-festa tal-Lunzjata kienet issir purċissjoni mill-parroċċi kollha Maltin għall-Katidral bħala ringrazzjament lil Alla talli ħeles lil Malta minn idejn il-Mislem.

## PITTURI

Dan l-avveniment hu mfakkar fil-Bażilika ta' San Ġorġ fil-belt Victoria t'Għawdex permezz ta' pittura ta' G. B. Conti, xogħol tas-sena 1956 u li qiegħed fil-kappellun tax-xellug (ta' l-Erwieħ). Dan ix-xogħol artistiku jurina 'l San Pawl u 'l San Ġorġ, it-tnejn fuq iż-żwiemel, akkumpanjati minn Sant'Agatha jgħinu lill-Maltin ireġġgħu lura lill-Mori minn fuq is-swar.

Ix-xogħol ta' Ħal Qormi hu datat 1938 u ħareġ minn idejn Joseph Briffa. Jgħatti s-saqaf tal-koppla u, bħal ta' Għawdex, jurina t-tliet qaddisin qegħdin ireġġgħu lura lill-għadu, din id-darba akkumpanjati minn qtajja' ta' anġli.

Pittura ta' Mattia Preti dwar dan l-episodju saret fl-1682. Qiegħda fil-Katidral ta' l-Imdina iżda hawn għandna rappreżentat lil San Pawl biss iferrex lill-Mori. L-istess tema tidher f'pittura oħra (ta' stil popolari) li hemm fis-sagrestija tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl tar-Rabat, Malta.

## X'SEĦĦ WARA?

Fit-8 ta' Ottubru, 1429 waslet l-aħbar ta' dan l-attakk fil-belt ta' Venezja li, bil-kummerċ tagħha fil-Mediterran, kellha l-aktar x'tiggwadanja mir-rebħa Maltija. Iżda r-rebħa kienet aktar morali milli rebħa tassew għax l-irħula kienu mfarrkin, l-egħlieqi rovina sħiħa u familji sħaħ inqabdu lsiera jew tfarrku. B'hekk l-irkupru Malti, wara l-episodu ta' Monroy, qala' daqqa ta' ħarta wara biss ftit snin. Tant ġabet miżerja l-invażjoni tal-1429 li, fl-1431, biex jgħin l-ekonomija lokali, is-sultan Alfonso kellu jneħħi l-ħlasijiet tad-dwana li l-Maltin kienu jħallsu fuq l-oġġetti kollha esportati minn Sqallija għal Malta. Iżda jidher li Malta damet ma ħadet ir-ruħ għal bosta snin u kien hemm żmien meta naqset ukoll il-popolazzjoni.

Sant'Anġlu ġie msaħħaħ u nġiebu rinforzi minn Sqallija. Fl-1432, is-sultan Alfonso mexxa attakk ta' tpattija fuq Djerba u, ftit wara, ġie miftiehem waqfien mill-ġlied li baqa' jseħħ għal numru ta' snin.



*Il-pittura ta' J. Briffa fil-koppla tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi Malta. (Ritratt: Frendo Photographics, Qormi)*

## BIBLJOGRAFIJA


Librerija Nazzjonali ta' Malta, Manuskritt tal-Librerija 643, **Visitatio Dusina. G.F. Abela, Della Descrittione di Malta,** Malta 1647.

V. Azzopardi, **Raccolta di varie cose antiche e moderne utili ed interessanti,** Malta 1843.

J. Bezzina, **Il-Pittura fil-Bażilika ta' San Ġorġ,** Malta 1965.

M. Buhagiar, "Xogħlijiet ta' Arti w Artiġjanat fil-Knisja ta' San Ġorġ", **Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal-Qormi - Erba' Sekli ta' Storja,** (ed. J.F.Grima) Malta 1984.

A. Cremona, "Le Relazioni etnografiche del Folclore Narrativo e Leggendario delle Isole di Malta", **Maltese Folklore Review,** Vol. I (1966).

A. Mifsud, "La Franchigie Costituzionali Alfonsiane e l'invasione dei Mori del 1429", **Archivum Melitense,** Vol. III (1918-1919).

R. Valentini, "Ribellione di Malta e spedizione alla Gerba come conseguenza dell' inefficienza della flotta Aragonese nel Mediterraneo", **Archivio Storico di Malta,** Vol. VIII (1937).

"L'Espanionismo aragonese nel Maditerraneo come causa della decadenza di Malta", **Archivio Storico di Malta,** Vol. XII (1941).

G.A. Vassallo, **Storia di Malta,** Malta 1890.

G. Wettinger, "The Pawning of Malta to Monroy", **Melita Historica,** Vol. VII.